

Brussell, 17 ta' Marzu 2025  
(OR. en)

6785/25

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0198(COD)

---

---

CODEC 211  
COH 14  
CADREFIN 21

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar strument għall-iżvilupp u t-tkabbir tar-reġjuni tal-fruntiera (BRIDGEforEU) **(I-ewwel qari)**  
- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

---

1. Fid-29 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha<sup>1</sup> lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 175 TFUE, u fit-12 ta' Diċembru 2023 ippreżentat proposta emendata<sup>2</sup>.
2. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta inizjali fil-5 ta' Diċembru 2018<sup>3</sup> u dwar il-proposta emendata fis-17 ta' April 2024<sup>4</sup>.

---

<sup>1</sup> 9555/18.

<sup>2</sup> 16805/23.

<sup>3</sup> ĠU C 86, 07.3.2019, p. 165.

<sup>4</sup> ĠU C, C/2024/3672, 26.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/3672/oj>.

3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta inizjali fid-19 ta' Settembru 2018<sup>5</sup> u dwar il-proposta emendata fl-24 ta' April 2024<sup>6</sup>.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta inizjali fl-14 ta' Frar 2019<sup>7</sup> u l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta emendata fl-14 ta' Settembru 2023<sup>8</sup>.
5. Fl-20 ta' Diċembru 2024, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-ftehim proviżorju li ntlaħaq mill-koleġislaturi dwar ir-Regolament imsemmi hawn fuq<sup>9</sup>, wara kuntatti informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew.
6. Fil-5 ta' Frar 2025, il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Iżvilupp Reġionali (REGI) ikkonferma l-ftehim proviżorju, u sussegwentement il-President tiegħu bagħat ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fejn indika li l-Parlament Ewropew għandu, fit-tieni qari tiegħu, japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi<sup>10</sup>.
7. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument 17102/24, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, kif tinsab fid-dokument 17102/24 ADD 1, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-astensjoni taċ-Ċekja.
8. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum ta' din in-nota.

---

<sup>5</sup> ĠU C 440, 06.12.2018, p. 124.

<sup>6</sup> ĠU C, C/2024/4060, 12.7.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/4060/oj>.

<sup>7</sup> [https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-8-2019-0118\\_MT.html](https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-8-2019-0118_MT.html).

<sup>8</sup> [https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0327\\_MT.html](https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0327_MT.html).

<sup>9</sup> 16772/24.

<sup>10</sup> 6445/25.